# Lejn Żvilupp Ekonomiku

# Li Jkattar Aktar Tkabbir Ekonomiku

---

## XOGĦOL – NISA – PENSJONIJIET

**PROPOSTI ELETTORALI**

**GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI 2013**

**UNION ĦADDIEMA MAGĦQUDIN**

**DIĊEMBRU 2012**

# Preambolu

L-iżvilupp ekonomiku ta’ pajjiż huwa element essenzjali biex soċjeta’ tiżviluppa kwalita’ ta’ ħajja aħjar. Żvilupp ekonomiku jseħħ meta poplu permezz ta’ l-istituzzjonjiet li jħaddan u r-risorżi li jiddisponi minnhom, jorganizza qafas ta’ produzzjoni li jippermettilu jilħaq ammont ta’ produzzjoni li mhux biss jissodisfa l-ħtiġijiet tas-soċjeta’ nfusha, iżda jsir possibli li jinħoloq il-kummerċ permezz tal-produzzjoni żejda. Il-kummerċ huwa sors ewlini biex jinħoloq il-ġid, liema ġid jippermetti żieda fil-konsum u avvanż fl-iżvilupp ta’ l-istess pajjiż.

Pajjiżna beda t-triq ta’ l-iżvilupp sewwa sew ftit snin wara t-tieni gwerra dinija hekk kif beda jidher biċ-ċar li l-poplu ried aktar awtonomija fit-tmexxija ta’ pajjiżu. Tul dan l-aħħar nofs seklu, Malta esperjenzat żvilupp ekonomiku notevoli minkejja n-nuqqas ta’ riżorsi naturali li jiffaċilitaw dan il-proċess.

Permezz ta’ l-iżvilupp ekonomiku, pajjiżna rnexxilu jwaqqaf stat soċjali li jippermetti t-tqassim tal-ġid b’mod ekwu u jiggarantixxi għixien diċenti meta persuna ma tkunx tista’ tipparteċipa aktar fis-suq tax-xogħol.

Għaldaqstant, il-garanzija tas-sostenibilita’ tal-livell ta’ għixien li ġie miksub sal-llum tista’ tibqa’ mħarsa biss, hekk kemm il-darba pajjiżna jirnexxilu jiġġenera biżżejjed tkabbir ekonomiku li minnu jgawdi kullħadd.

Xprunata minn dan il-ħsieb, il-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) qed tippreżenta lill-partiti politiċi s-suġġerimenti tagħha għal kunsiderazzjoni tal-manifesti elettorali tal-kampanja elettorali 2013. L-opinjoni tal-union ta’ kif pajjiżna għandu jħares lejn żvilupp ekonomiku li joħloq aktar tkabbir ekonomiku hija msejjsa fuq tliet pilastri – ix-xogħol, in-nisa u l-pensjonijiet.

# Il-Qabża li jmiss

Kuntrarju għall-esperjenza ta' ħafna pajjiżi li kienu kolonji u llum saru ndipendenti, Malta rnexxilha taqbad triq ta' żvilupp ekonomiku li kienet ta' suċċess. Dan l-iżvilupp ekonomiku wassal biex fuq medda ta' snin pajjiżna jiġi klassifikat bħal ekonomija fejn il-ġid għal kull persuna huwa kkunsidrat bħala ta' livell għoli.

Evidenza empirika turi li dak li għaddiet minnu Malta matul is-snin jissodisfa t-teorija bażika ta' l-iżvilupp ekonomiku. Matul is-snin 70, Malta esperjenzat il-*big push*[1] permezz tat-twaqqif taż-żoni industrijali u servizzi pubbliċi bħal edukazzjoni u saħħa li għamluha possibli għal ekonomija biex tibda tirranka (ara grafika numru 1).




**Grafika 1**

[1] *Paul Rosestein Rodan – Big Push Model*

It-tkabbir ekonomiku li beda jinħoloq permezz ta' l-industrializzazjoni ppermetta l-gvernijiet segwenti li jiġbru biżżejjed risorżi biex ikomplu jinvestu fil-pajjiż. Eventwalment l-ekonomija kompliet tiżviluppa billi beda jespandi l-qasam tas-servizzi, liema qasam beda jiġġenera aktar valur miżjud.

Ekonomija tista' tikber billi jew tkabbar l-ammont ta' kapital li jeżisti fl-istess ekonomija permezz ta' aktar investiment iffinanzjat minn aktar tifdil, jew inkella permezz ta' titjieb fil-produttivita' li tirriżulta minn ħiliet umani aħjar u titjieb fil-livell ta' teknoloġija mħaddma fil-proċess tal-produzzjoni.

Huwa għalhekk li l-pajjiżi tal-Punent għadhom jibbenefikaw minn tkabbir ekonomiku sena wara l-oħra, għax propju l-ekonomiji tagħhom għadhom jesperjenzaw titjieb liema bħalu fil-kwalita tal-ħiliet u t-tekonoloġija.

Jirriżulta li Malta fil-passat kienet qabdet ritmu qawwi ta' konverġenza fil-livell ta' l-għixien meta kkomparata mal-pajjiżi Ewropej tal-Punent. Kif indikat f'grafika numru 2, il-prodott gross domestiku (PGD) reali għal kull persuna baqa' jiżdied dejjem matul is-snin. Madanakollu, jiġi nnutat li r-rata tat-tkabbir bdiet niżla hekk kif l-ekonomija bdiet issir aktar matura.

Li r-rata ta' tkabbir fil-PGD tonqos hija xi ħaġa mistennija, iżda mhux li tinżel fl-livelli daqshekk baxxi. Il-fatt li r-rata reali fit-tkabbir niżlet daqshekk ifisser li Malta qed tikber bl-istess rata ta' pajjiżi ħafna aktar sinjuri u għaldaqstant il-konverġenza ssir aktar diffiċli biex tintlaħaq.

F'dokument[2] li ħejjiet l-istess Union aktar kmieni matul l-2012, kien indikat kif minn ta' l-inqas iridu jgħaddu 33 sena oħra biex Malta tikkonverġi mal-medja ta' l-EU27. Għaldaqstant, wieħed jista' jimmaġina kemm aktar snin iridu jgħaddu biex Malta xi darba qatt tista' tilħaq il-livell ta' għixien li hemm fl-EU15.

Il-mudell ekonomiku li ġie addott fl-Malta matul dawn l-aħħar snin kien propju dak li l-maġġor parti tal-produzzjoni tikkompeti fuq bażi ta' prezz. Dan kien ifisser li l-pagi tal-ħaddiema jridu jiżdiedu b'mod mill-aktar kawt sabiex b'hekk il-prodotti Maltin jibqgħu attraenti fis-swieq internazzjonali.

Aktar minnhekk, wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja u l-fatt li l-gvern jeħtieġlu li jrażżan l-ispiża tiegħu biex jikkontrolla d-dejn pubbliku, l-ekonomija Maltija għaddiet

[2] *The Next Leap – From Labour Market Programmes to Active Labour Market Policy*




**Grafika 2**

minn trasformazzjoni liema bħala. Fi żmien relattivament qasir, l-ekonomija Maltija ħarġet minn sistema' ta' ekonomija artifiċjali fejn it-tariffi u sussidji qawwija mill-gvern kienu jipproteġu kemm lill-produttur, kif ukoll lill-konsumatur. B'differenza, llum il-ġurnata l-ekonomija Maltija qed tiffaċja l-forzi kollha tas-suq. L-effett ta' dan kollu huwa evidenti f'żieda reali aktar kajmana fil-pagi u aktar espożizzjoni għaċ-ċaqlieq fil-prezzijiet ta' diversi prodotti.

Jekk ir-riċetta ekonomika ser tibqa' kif inhi, l-mutur tal-ekonomija mhux ser jirnexxilu joħloq biżżejjed ġid biex is-soċjeta' ta' għada jirnexxila tgawdi minn livell ta' għixien aħjar. Dan qiegħed jingħad fi sfond fejn minn hawn u tnax –il sena oħra n-numru ta' ħaddiema fl-ekonomija Maltija jibda jonqos. Aktar minnhekk, Malta ser ikollha fost l-għola rati ta' dipendenza minn persuni anzjani. Dan ifisser aktar spejjeż fuq pensjonijiet u saħħa.

Dawn l-isfidi jistgħu jiġu ndirizzati billi jew l-ekonomija toħloq aktar ġid, jew l-individwi jfaddlu aktar u għalhekk jipposponu l-konsum tagħhom għal għada flokk fil-preżent, jew inkella ż-żewġ metodi f'daqqa.

Il-UĦM tinsab mħassba b'dan kollu, aktar u aktar fin-nuqqas ta' diskussjoni ħolistika fuq livell ta' pajjiż ta' kif dawn it-temi ser jiġu ndirizzati. Huwa għalhekk li l-union qed tipproponi s-segwenti miżuri fuq tliet oqsma prinċipali.

# Xogħol

Il-UĦM bħala union li tirrapreżenta l-interessi tal-ħaddiema u l-familji tagħhom, flimkien ukoll ma dawk tal-pensjonanti, tifhem u taċċetta l-fatt li ma jistax ikun hemm titjieb fil-livell ta' għixien jekk dan ma jkunx imsejjes fuq aktar produzzjoni ta' kwalita'. Għalhekk il-union fil-baġit għas-sena 2012 issuġġerit lill-gvern biex pajjiżna jibda t-triq għall-addozzjoni ta' politika attiva' fil-qasam tax-xogħol. L-għan ta' din il-proposta' ma kienx wieħed ta' kumbinazzjoni, iżda l-proposta' kienet imnebbħa mill-fatt li Malta matul dawn l-aħħar għaxar snin soffriet minn tkabbir baxx kemm fil-produttivita', kif ukoll fiż-żieda reali fil-pagi.

Il-UĦM tirrikonxxi l-fatt li biex pajjiżna jiġġenera aktar ġid hemm bżonn li jsir pass ieħor f'dawk li huwa żvilupp ekonomiku. L-ekonomija Maltija ma' tistax tibqa' tibbaża biss fuq kompetittivita' xprunata minn pagi baxxi.

F'dinja globalizzata fejn l-ekonomiji saru aktar interdipendenti permezz tal-kummerċ, numri ta' pajjiżi Ewropej snin ilu għarfu li jeħtieġ li jorganizzaw mill-ġdid il-prijoritajiet ta' l-istat soċjali. Ir-realta' tal-llum hija differenti minn dik ta' snin ilu u għaldaqstant is-soluzzjonijiet li jiġu proposti jridu jkunu differenti.

Il-pajjiżi Ewropej li jinsabu fuq quddiem nett għarfu li l-istat soċjali ma' jistax jibqa' jwieżen persuni li għandhom il-kapaċita' li jaħdmu, iżda minflokk jagħżlu triq ta' dipendenza. Dan m'għadux possibli u affordabli. Illum it-transizzjoni hija minn stat soċjali passiv u li joħloq id-dipendenza, għall-stat soċjali pro-attiv u pożittiv. Huwa f'dan l-ispirtu li l-UĦM qed tħeġġeġ lill-partiti politiċi sabiex minn ikun fil-gvern mhux biss jaddotta politika ta' *Active Labour Market Policies*, iżda jgħaraf li jimplimenta din it-tip ta' politika b'suċċess.

Fil-proposti ġa preżentati lill-partiti politiċi u lill-imsieħba soċjali, l-UĦM qed tissuġġerixxi numru ta' iniżjattivi li għandhom jixprunaw is-suq tax-xogħol. B'hekk l-ekonomija tagħmel pass il-quddiem fl-iżvilupp li jwassal għal aktar tkabbir ekonomiku fis-snin li ġejjien.

Il-miżuri suġġeriti jvarjaw minn aktar inċentivi biex jiġu mpjegati individwi bi produttivita' baxxa, għal miżuri li joħolqu suq għat-taħriġ fejn individwi jistgħu

jimmassimizzaw il-benefiċċji li jieħdu mit-taħriġ stess. Qed tiġi rikonoxxuta wkoll l-importanza ta' min iħaddem hekk kif qed tingħata l-importanza għall-aktar riżorsi biex jgħinu fit-taħriġ ta' l-impjegati. Id-dokument jissuġġerixxi ukoll miżuri biex dawk kollha li huma dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali u li għalhekk huma f'riskju ta' faqar, jingħataw inċentivi billi jiġu riformati l-benefiċċji ħalli jiġu nkoraġġiti jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Il-potenzjal ta' nies taħt l-40 sena li jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol huwa ekwivalenti għal madwar 5% tal-ħaddiema kollha fis-suq tax-xogħol[3].

Hekk kif ġie mħabbar fil-baġit għas-sena 2013, il-gvern għoġbu jivvota flus għat-twaqqif tal-kumitat li għandu jkun responsabbli mit-twaqqif u t-tħaddim ta' din il-politika. Il-UĦM tħeġġeġ lill-partiti jonoraw dan il-pass fl-approvażżjoni tal-baġit wara l-elezzjoni biex immedjatament jibda x-xogħol fuq l-*Active Labour Market Policy*.

Il-benefiċċji ta' din il-politika ma jillimitawx ruħhom biss għaż-żieda fir-rata' ta' parteċipazzjoni ta' nies fis-suq tax-xogħol, iżda jmorru lil hinn minn hekk. Permezz ta' aktar investiment fir-riżors uman ikun possibli li jitjiebu l-ħiliet tal-ħaddiema li jwasslu għal żieda fil-produttivita', l-pagi u l-profitti. Dan ikun il-pass li jwassal sabiex pajjiż jagħmel il-qabża 'l quddiem fl-iżvilupp ekonomiku.

Titjieb ġenerali fil-qasam tax-xogħol jwassal ukoll għal żieda fid-dħul tal-gvern mit-taxxi. Dan huwa aspett kruċjali hekk kif fis-snin li ġejjien filwaqt li l-ispiża fuq l-istat soċjali mistennija tiżdied, ir-rata ta' tkabbir tas-suq tax-xogħol mistennija tonqos minħabba l-fattur tax-xjuħija.

[3] *The Next Leap – From Labour Market Programmes to Active Labour Market Policy*

# Nisa

Is-suċċess ta' ekonomija jiddependi mill-użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli. Fil-każ ta' ekonomija li m'għandha ebda risorżi naturali, bħal dik ta' Malta; l-importanza ta' kif jiġu utilizzati r-riżorsi umani hija aktar kruċjali. Huwa għalhekk li l-popolazzjoni femminili hija ta' rilevanza kbira għall-qasam tax-xogħol.

Illum qed ngħixu f'soċjeta' fejn kemm ir-raġel u anke l-mara igawdu mill-istess opportunijiet u drittijiet. Madanakollu ta' min jirrimarka li minħabba li fil-kultura Maltija r-rwol tar-raġel huwa kkunsidrat differenti minn dak tal-mara fit-trobbija tal-familja, il-mara qed tispiċċa li trid tlaħħaq kemm mal-familja, mal-faċendi fid-dar u anke mal-post tax-xogħol. Dan mhux possibli u m'għandux ikun.

Il-UĦM temmen li biex il-mara tavvanza fis-soċjeta' jeħtieġ li anke l-irġiel ikunu jistgħu jgawdu minn ċertu kundizzjonijiet. Kemm –il darba l-benefiċċji relatati mal-familja jibqgħu jindirizzaw biss lin-nisa, hija ħaġa naturali li min iħaddem jippreferi li jħaddem raġel minflokk mara.

Għaldaqstant, il-UĦM tisħaq li b'mod gradwali għandhom jiġu ntrodotti/estiżi diversi benefiċċji għall-irġiel li llum japplikaw aktar għan-nisa, bħal estenzjoni tal-*Parental Leave* bi ħlas flimkien mal-possibilita' li aktar rġiel jkunu jistgħu jaħdmu sigħat ta' xogħol mnaqqsa. Huwa essenzjali ukoll li bħal ma jsiru kampanji biex il-mara tidħol fis-suq tax-xogħol, hekk ukoll jiġi nkoraġġit sehem ir-raġel fix-xogħol tad-dar.

Kull meta' f'pajjiżna ssir diskussjoni fuq ir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol dejjem iqum l-argument li Malta għandha fost l-anqas rati ta' parteċipazzjoni. Madanakollu, ta' min isemmi li matul dawn l-aħħar snin ir-rata' ta' parteċipazzjoni fost nisa li għandhom anqas minn 35 sena qabżet il-figura medja fl-EU27.

Din il-kisba pero ġiet akwistata għad-detriment ta' l-istess nisa li qed ikollhom jiġġebdu aktar bejn xogħol u familja. Fattur li bla dubju hekk kif konfermat anke minn stħarriġ tal-Eurofound fl-2010, wera li bejn is-sena 2000 u s-sena 2010, l-ammont ta' nisa li qalu li x-xogħol qed jikkawżalhom l-istress f'ħajjithom kważi irdoppja minn 11% għal 19.5%[4].

[4] Eurofound Survey 2010: http://www.eurofound.europa.eu/surveys/smt/ewcs/ewcs2010_12_03.htm

Għalhekk huwa mportanti li meta nitkellmu u nqabblu l-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol, jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-benefiċċji u s-servizzi li nisa Ewropej igawdu f'pajjiżhom. Ta' min isemmi li l-istat soċjali Malti ftit jagħti mportanza lill-familja meta kkumparat ma' stati soċjali oħra Ewropej. Figuri ta' l-ESSPROS hekk kif publikati mill-EUROSTAT juru li filwaqt li Malta tonfoq 1.2% tal-PGD fuq benefiċċji għall-familja, l-medja Ewropeja hija kważi d-doppju jew 2.3% tal-PGD fl-2010[5].

Kien għalhekk li l-UĦM fil-proposti għall-baġit 2013 issuġġeriet lill-gvern li jipprovdi flimkien mal-privat servizz ta' child care b'xejn lil dawk l-ommijiet li jridu jagħmlu użu minn dan is-servizz. Flimkien ma' dan, il-union ħeġġet ukoll lill-gvern biex ikompli jestendi s-servizz ta' club 3-16 biex dawk l-ommijiet li jkunu jaħdmu u ma jkollhomx ma' min iħallu t-tfal tagħhom wara l-ħin ta' l-iskola, ikunu jistgħu jagħmlu użu minn dan is-servizz. Fit-tnedija tal-proposta' ta' child care b'xejn, il-UĦM provdit il-figuri li kienu juri kif dan is-servizz fuq medda ta' snin jispiċċa jrendi l-flus lill-gvern hekk kif aktar nisa jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu. Huwa stmat li tgħali miżura tista' toħloq 2,550 post tax-xogħol ġdid.

Fl-istess dokument bil-proposti għall-baġit 2013 kien ġie spjegat illi, child care b'xejn jindirizza l-problema ta' dawk l-ommijiet li ma' jkunx jagħmel sens għalihom li joħorġu jaħdmu meta jqabblu d-dħul mix-xogħol u l-ispejjeż li jkollhom jonfqu biex jixtru s-servizz. Id-dokument kien wera biċ-ċar kif din il-kategorija ta' nisa f'Malta jinsabu fi żvantaġġ nett meta mqabbla ma' nisa bl-istess kundizzjonijiet fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Bħal ma t-tkabbir ekonomiku fl-aħħar ftit snin kellu l-oriġini tiegħu permezz ta' aktar nisa fis-suq tax-xogħol, hekk ukoll għad baqgħa aktar potenzjal x'jintlaħaq bil-parteċipazzjoni ta' aktar nisa. Iżjed minnhekk issa irid jiġi żgurat ukoll, illi hekk kif aktar nisa qed jgħatu s-sehem tagħhom fl-ekonomija, s-soċjeta' tagħraf u tirrikonoxxi dan l-isforz billi żżid is-sapport meħtieġ lin-nisa.

[5] ESSPROS: http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/setupModifyTableLayout.do

# Pensjonijiet

Malta bħal kumplament tal-pajjiżi żviluppati qed tesperjenza żieda numerika fil-popolazzjoni ta' l-anzjani, kif ukoll żieda fil-persentaġġ bħala proporzjon tal-popolazzjoni kollha. Dan il-fattur huwa kkawżat minħabba żewġ raġunijiet, iż-żieda fl-għomor tan-nies u rata anqas ta' twelid.

Il-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji ta' dan kollu huma magħrufa grazzi għall-ħidma professjonali tal-Pensions Working Group (PWG) u dokumenti tal-Kummissjoni Ewropeja. Mhux l-għan ta' dan id-dokument li jiddiskuti dan kollu, madanakollu l-UĦM tħoss li minkejja dan il-ħafna xogħol li sar, il-pajjiż għadu mhux jindirizza bis-serjeta' din il-kwistjoni.

L-istess rapporti tal-PWG jirrikonoxxu li minkejja r-riforma li ġiet effettiva fl-2007, il-pensjonanti tal-futur xorta waħda ser jesperjenzaw tnaqqis reali fil-pensjoni tagħhom meta' mqabbla mal-paga medja. Filwaqt li l-UĦM tirrikonoxxi li kiku mhux għar-riforma li seħħet, l-adegwatezza kienet tkun ħafna agħar, xorta waħda pajjiżna għadu ma ndirizzax din il-kwistjoni b'mod komplet.

Iżjed minnhekk, il-fatt li pajjiżna ndirizza parzjalment il-kwistjoni ta' l-adegwatezza ifisser li l-piż finanzjarju li ser ikollu jġorr il-pajjiż fil-futur huwa wieħed eżorbitanti. Kalkoli tal-Kummisjoni Ewropeja juru biċ-ċar li d-dejn nazzjonali ser jikwadrupla fi żmien erbgħin sena oħra. Naturalment dan ikun ifisser aktar pressjoni fuq il-finanzi tal-gvern minħabba l-imgħaxijiet li jkunu jridu jitħallsu.

Il-kumplessita u l-proporzjon tal-problema ma jiffaċilitawx il-proċess biex xi partit politiku jindirizza s-sitwazzjoni waħdu. Agħar minnhekk, aktar ma kemm il-pajjiż ikompli jipposponi ż-żmien ta' azzjoni konkreta, aktar isir diffiċli li tiġi ndirizzata l-problema. Il-UĦM hija mħassba serjament li minkejja li l-poplu huwa konxju tal-problema, għad ma hemmx biżżejjed rieda ta' azzjoni. Apparti dan kollu, kull meta l-PWG stħarreġ l-opinjoni pubblika biex jinvestiga jekk il-poplu hux jaħseb għall-irtirar permezz xi forma ta' tifdil, jirriżulta li l-maġġoranza tan-nies mhux jagħmlu dan.

Għaldaqstant il-UĦM qed tappella lill-partiti politiċi biex jagħrfu jerfaw r-responsabilita' u jħejju l-poplu għad-deċiżżjonijiet li jridu jittieħdu. Il-union tagħmilha ċara li mhux ser

taċċetta sitwazzjoni fejn jidħol it-tielet pilastru bħala sostitut għat-tieni pilastru. Dan ikun ifisser li pajjiżna jkun qiegħed jaċċetta sitwazzjoni fejn min jiflaħ, jaħseb għall-rasu, filwaqt li l-kumplament jibgħqu b'xejn.

L-opinjoni tal-UĦM hija msejsa ukoll fuq il-fatt li l-popolazzjoni anzjana qiegħda tikber fin-numru u għaldaqstant is-saħħa elettorali tagħha qiegħda tiżdied u mhux tonqos. Għalhekk aktar ma ddeċiżjonijiet jiġu posposti, aktar ser ikun diffiċli għall-politiċi li jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għall-pajjiż.

Il-union għalhekk qed terġa' ttenni l-proposta' tagħha li sa l-2014, pajjiżna jrid ikun iddeċieda l-kif, meta u b'kemm riżorsi ser jitmexxa t-tieni pilastru. Fl-istess rakkomandazzjonijiet tal-PWG intqal li biex jidħol fis-seħħ it-tieni pilastru jridu jgħaddu minn ta' l-anqas tmien snin minn meta tkun ittieħdet id-deċiżjoni. Għalhekk kwalunkwe argumentazzjoni li bħalissa s-sitwazzjoni ekonomika mhux waħda idejali huwa pwerili.

Ta' min jinnota li Malta huwa l-uniku pajjiż ta' l-Unjoni Ewropeja li għadu jiddependi totalment mill-ewwel pilastru. Dan ma jawgura xejn tajjeb kemm għall-livell ta' għixien tal-familji, kif ukoll għall-iżvilupp u t-tkattir ta' l-ekonomija Maltija. Huwa għalhekk li l-UĦM tħeġġeg lill-partiti politiċi sabiex jindikaw it-triq tas-sostenibilita' li dan il-pajjiż irid isegwi fis-snin li ġejjien.